



**OPINJONI NRU 01/2009**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI**

**tal-24 ta' Awwissu 2009**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

***'Possibbiltà li ssir devjazzjoni mill-kodiċi dwar il-kundizzjoni tajba għat-tajran fil-każ ta' tibdiliet fid-disinn'***

## I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni biex temenda l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003<sup>1</sup> (minn hawn iżjed 'il quddiem Parti 21) u b'mod partikolari l-punti 21A.17 u 21A.101 relatati mal-istabbiliment tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni għal ċertifikati tat-tipi u bidliet għaċ-ċertifikati tat-tip.
2. L-Opinjoni ġiet adottata, billi ġiet segwita l-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija<sup>2</sup> tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija), f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>3</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament Bażiku).

## II. Konsultazzjoni

3. Avviż ta' Emenda Proposta (NPA) 2008-09<sup>4</sup> li kien fih l-abbozz ta' opinjoni għar-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Parti-21, ġie ppubblikat fil-websajt tal-Aġenzija tas-7 ta' Mejju 2008.
4. Sad-data tal-għeluq tas-7 ta' Awwissu 2007, l-Aġenzija kienet irċeviet 39 kumment mingħand 12-il awtorità nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
5. Il-kummenti kollha li waslu ngħataw irċevuta u ġew inkorporati f'Dokument ta' Tweġibiet għall-Kummenti (Comment Response Document - CRD), li kien ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija fit-8 ta' April 2009. Dan is-CRD fih lista tal-persuni u/jew l-organizzazzjonijiet kollha li bagħtu kummenti, u t-tweġibiet tal-Aġenzija.
6. L-intenzjoni prinċipali tal-NPA 2008-09 kienet li ssir emenda tal-punt 21A.101 tal-Parti 21 b'tali mod li l-istess flessibilità tkun tista' tintuża fl-istabbiliment tal-bażi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti mibdula minħabba li kienet mifhuma li teżisti għall-istabbiliment tal-bażi ċertifikazzjoni għal ċertifikati tat-tip. Fl-istess ħin, ġie propost test ġdid għal din id-dispożizzjoni tal-flessibilità f'punt 21A.17 għal ċertifikati tat-tip, bit-tentattiv li tkun iċċarata l-intenzjoni tiegħu. Madankollu, wara bosta kummenti avversi, l-Aġenzija aċċettat li t-test propost ma ċċarax għal liema każijiet huwa intenzjonat u li hija mhijiex sejra tnaqqas l-ambigwità attwali. Għaldaqstant, l-Aġenzija ddeċidiet li tirtira dawn iż-żewġ proposti mill-NPA u li żżomm biss il-proposta relatata ma' "tagħżel li tikkonforma" fil-każ ta' tibdiliet fid-disinn. Din id-deċiżjoni ġiet riflessa fis-CRD.
7. Sat-8 ta' Ġunju 2009 kienu waslu tliet reazzjonijiet għas-CRD mingħand tliet kummentaturi.

Reazzjoni waħda indikat inkonsistenza bejn it-test ta' punt 21A.101(a) u l-punt il-ġdid 21A.101(f). L-Aġenzija taċċetta li t-test tal-punt 21A.101(f) kien fih żball.

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, tas-27.9.2003, pġ. 6).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija rigward il-proċedura li trid tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

<sup>3</sup> Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, tad-19.03.2008, pġ. 1)

<sup>4</sup> Ara l-Arkivji tar-Regolamentazzjoni fuq [http://www.easa.europa.eu/ws\\_prod/r/r\\_archives.php](http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php).

Madankollu, minflok li tagħmel it-test konsistenti mal-punt 21A.101(a), hija ddeċidiet li tagħmel it-test konsistenti mad-dispożizzjoni simili fil-punt 21A.17(d).

### **III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija**

8. Din l-opinjoni tipproponi li temenda l-Parti 21, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-istabbiliment tal-bażi ta' ċertifikazzjoni għal ċertifikati tat-tip u tibdiliet għal ċertifikati tat-tip. Il-kontenut ta' dawn l-emendi huwa spjegat hawn taft.
9. Meta applikazzjoni tkun magħmula għal ċertifikazzjoni tat-tip, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tikkonsisti mill-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni li huma applikabbli fid-data tal-applikazzjoni u l-kundizzjonijiet speċjali possibbli. Jekk l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni jiġu emendati wara li tkun saret l-applikazzjoni, iżda qabel jinħareġ iċ-ċertifikat tat-tip, l-applikant jista' jagħżel li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet emendati. Dan il-prinċipju għandu jkun applikabbli wkoll għall-bażi taċ-ċertifikazzjoni għal prodotti mibdulin. Għaldaqstant, l-opzjoni ta' "tagħżel li tikkonforma" hija miżjuda mal-punt 21A.101 tal-Parti-21

### **IV. Valutazzjoni Regolatorja tal-Impatt**

10. Il-possibbiltà li jikkonformaw ma' speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li joħorġu aktar tard tippermetti li jiġu approvati bidliet fi prodott sabiex jintużaw l-aktar standards tas-sigurtà aġġornati. Dan huwa ta' benefiċċju għas-sigurtà. Minħabba li l-użu ta' din id-dispożizzjoni huwa wieħed fakultattiv, ma hemm ebda impatt ekonomiku negattiv.

Cologne, 24 ta' Awwissu 2009

P. GOUDOU  
Direttur Eżekuttiv